**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| L-EWWEL SENA | STORJA | ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

**Isem:______________________** **Klassi:_____________**

## 1. Wieġeb il-mistoqsijiet

1.1. Għaliex it-tagħlim ta' l-istorja huwa importanti fl-edukazzjoni tiegħek?

_____________________________________________ (2)

1.2. Semmi żewġ tipi ta' sors primarju.

_____________________________________________ (2)

1.3. Poġġi dawn il-ġrajjiet wara xulxin kif ġraw fil-ħajja tiegħek billi tikteb in-numru 1 sa 4. Numru 1 jinkiteb għall-ewwel waħda li ġrat:

Dħalt fil-Junior Lyceum ____

Data tat-twelid tiegħek ____

Dħalt fl-iskola primarja ____

Dħalt fil-Kindergarten ____ (4)

1.4. Il-proċess li għamilt fil-mistoqsija ta' qabel jissejjaħ eżerċizzju fil-
(filosofija, kronoloġija, soċjoloġija). (1)

1.5. Semmi żewġ affarijiet li tbiddlu minn meta n-nannu/nanna tiegħek kienu għadhom tfal żgħar.

_____________________________________________

_____________________________________________ (2)

1.6. Empatija tfisser (tpoġġi lilek innifsek fil-pożizzjoni ta' ħaddieħor, ma jkollokx grazzja ma' xi ħadd, ma żżomm ma' l-ebda partit politiku). (1)

(12-il marka)

## 2. Wieġeb il-mistoqsijiet



2.1. Il-bini fl-istampa jissejjaħ il-___________________.

2.2. Bini bħal dan insibuh fl-______________.

2.3. Xmara kbira li hemm f'dan il-pajjiż tissejjaħ __________.

2.4. Il-ġisem ibbalzmat ta' l-Eġizzjani mejtin jissejjaħ __________.

2.5. L-alla-xemx ta' l-Eġizzjani kien _____________. (5 x 2=10 marki)

## 3. Immarka t-tajba billi tagħmel sinjal taħtha

3.1. Il-menħir hija ħaġra kbira (minduda, wieqfa, skolpita).

3.2. In-nies ta' Żmien il-Ħaġar kienu jaduraw lil alla tal- (prosperita`, liberta`, fertilita`).

3.3. L-ewwel post fejn għexu n-nies ta' Żmien Neolitiku f'Malta kien (Skorba, Ħal Saflieni, Għar Dalam).

3.4. Il-kelma "ipoġew" tfisser post (mibni, qadim, taħt l-art).

3.5. (Sir Paul Boffa, Sir Anthony Mamo, Sir Temi Zammit) kien l-arkeologu li skava l-Ipoġew.

3.6. It-Tempji tas-Silġ jinsabu fil-limiti ta' (Marsamxett, Marsaxlokk, Marsalforn).

3.7. Is-Sultan Massinissa radd lura għadd ta' (nejbiet ta' l-avorju, ġarar tal-fuħħar, statwi ta' l-irħam) bħala rigal lil Ġunone.

3.8. L-ewwel Maltin ġew mill-(Afrika, Sqallija, Spanja).

3.9. In-nies ta' Żmien il-Ħaġar kienu jużaw (il-ħadid, il-plastikk, iż-żnied.)

3.10. Il-Ġgantija kienet magħrufa bħala (it-Torri tal-Ġganti, it-Tempju tal-Ġganti, id-Dar tal-Ġganti).

(10 x 1= 10 marki)

## 4. Agħżel tema u ikteb paragrafu dwarha

4.1. Il-ħajja f'Malta fi żmien pre-istoriku
4.2. L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni
4.3. L-importanza ta' Għar Dalam
4.4. It-twemmin tal-Maltin fi Żmien il-Ħaġar

________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________

(8 marki)

## 5. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet

"*Mill-mawriet tagħhom f'artijiet oħra, il-Feniċi kienu jieħdu lura lejn arthom metalli u ħwejjeġ oħra biex wara li jaħdmuhom, ibigħuhom. Il-Feniċi ma kinux biss baħħara ta' ħila iżda wkoll ħaddiema tajba f'għadd ta' snajja'. Ħadmu l-bronż, taħlita ta' ram u landa. Ir-ram ġabuh minn Ċipru waqt li għal-landa jingħad li baħħru sal-gżejjer Brittaniċi. Ħadmu wkoll il-fuħħar, il-ħġieġ u l-ħaġar prezzjuz. Biss l-aktar li kienu*

*magħrufa kien għall-ilwien tal-ħwejjeġ u għax-xogħol tagħhom fid-deheb, fil-fidda u r-ram."*

(Silta minn Ġrajjet Malta)

5.1. Semmi żewġ karatteristiċi tal-Feniċi li joħorġu mis-silta?

______________________________________________ (2)

5.2. Liema metal kien jinħadem mill-Feniċi?

______________________________________________ (2)

5.3. Semmi żewġt ibliet fejn kienu joqogħdu l-Feniċi?

______________________________________________ (2)

5.4. X'kien hemm bżonn li jkollhom il-Feniċi ħalli jkunu jistgħu jagħmlu n-negozju ma' postijiet oħra?

______________________________________________ (2)

5.5. Xi fdal għandna f'Malta li jfakkarna fil-Feniċi?

______________________________________________ (2)

5.6. Għaliex il-Feniċi kienu jużaw il-bebbuxu magħruf bħala *murex tunculus*?

______________________________________________ (2)

5.7. Liema żewġ lingwi huma minquxa fuq iċ-ċippus li nstab f'Tas-Silġ?

______________________________________________ (2)

(14-il marka)

## 6. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet



**Sors Ċ**

6.1. Liema hu l-bini li jidher fis-sors Ċ?

______________________________________________ (1)

6.2. Semmi żewġ oqsma li fihom għadna naraw wirt il-Griegi tal-qedem.

______________________________________________ (2)

6.3. Liema belt fil-Greċja kienet ir-rivali ta' Sparta?

______________________________________________ (1)

6.4. Min kien il-kittieb Grieg li kiteb dwar il-gwerra ta' Trojja?

______________________________________________ (2)

(6 marki)

## 7. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet



il-knisja ta' San Pawl Milqgħi

7.1. F'liema nħawi tinsab din il-knisja?

______________________________

7.2. Ma' liema ġrajja importanti hija marbuta din il-knisja?

______________________________

7.3. Il-kelma katakombi ġejja mill-Grieg "kata-kumba". Xi tfisser?

______________________________

7.4. X'kien isir fil-katakombi?

______________________________

7.5. Semmi xi postijiet fejn instabu l-katakombi fil-gżejjer Maltin.

______________________________

7.6. X'ġara permezz tad-Digriet ta' Milan fis-sena 313w.K.?

______________________________

7.7. Min kien l-Imperatur Ruman li ħareġ dan id-Digriet?

______________________________

7.8. Kif kienet magħrufa il-belt ta' Istanbul fi żmien il-Biżantini?

______________________________

7.9. Għalxiex kien magħruf l-aktar l-Imperatur Ġustinjanu?

______________________________

7.10. X'arma sigrieta kellhom il-Bizantini?

______________________________

(10 x 2 = 20marka)

## 8. Ikteb fit-tul fuq wieħed minn dawn:

8.1. Ir-Rumani ħallew influwenza kbira fil-postijiet kollha li ħakmu. Ikteb dwar kif kienu jitmexxew il-Maltin fi żmien ir-Rumani.

8.2. Tul il-Gwerer Puniċi jissemma l-Ġeneral Kartaġiniż Annibale. Ikteb fuq ħajtu u s-suċċessi li kellu kontra r-Rumani.

8.3. Ikteb dwar il-fdalijiet li jista' jsib arkeologu fis-siti li jiskava fihom.

8.4. X'nafu dwar il-miġja ta' l-Għarab f'Malta? X'nafu dwar il-ħajja tal-Maltin fi żmienhom? X'tifkiriet għandna ta' l-Għarab f'Malta?

(1 x 20 = 20marka)